MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 204/2004

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet tas-6 ta' Ottubru 2004, kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fit-12 ta' Ottubru 2001 kif jirrizulta ahjar mill-hawn anness kopja ta' l-Att taz-Zwieg immarkat bhala Dok. A;

Peress illi dan iz-zwieg hu null a tenur ta’ l-Artikolu 19(d) u (f) u Artikolu 19(1)(a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta kif sejjer jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet msemmija:

Tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta’ Ottubru 2001 null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma m’ humiex edotti mill-fatti tal-kawza u rrizervaw li jressqu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat li sal gurnata tal-lum ma tressqux eccezzjonijiet ulterjuri;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha ma’ l-assenti C D fit-12 ta’ Ottubru 2001 huwa null fil-ligi stante vizzju tal-kunsens matrimonjali fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget lil C D, ta’ nazzjonalita’ Sirjana, fit-12 ta’ Ottubru 2001, meta allura l-attrici kellha 19 il-sena u l-assenti kellu 40 sena.

Irrizulta nkontradett li l-attrici kienet dahhlet f’ dan iz-zwieg minhabba l-posizzjoni finanzjarja prekarja taghha. Persuni identifikati minnha kienu weghduha flus jekk hija taccetta li

tizzewweg lill-assenti. Inizjalment hija kienet accettat, izda sussegwentment kien rega' bdielha u l-attrici tallega li konsegwentement hija kienet mhedda u mgieghla sabiex tidhol f' dan iz-zwieg. Iz-zwieg fil-fatt sar, u l-attrici zzewwget lill-assenti li bil-kemm kienet tafu, u meta dana kellu diga' tfajla Marokkina tghix mieghu, flimkien mat-tifel ta' l-assenti. L-attrici tghid li l-assenti kien ghamilha car maghha li huwa kien ser jidhol f' dan iz-zwieg biex jakkwista l-freedom of movement f' Malta, u di fatti, iz-zwieg ma giex kkonsumat. L-attrici tghid li hi qatt ma kellha relazzjonijiet sesswali ma' l-assenti, la qabel iz-zwieg u lanqas wara. Sussegwentement, C D telaq minn Malta u ma tfaccax aktar.

Mill-kwadru premess jirrizulta car li kemm l-attrici kif ukoll l-assenti meta kuntrattaw dan iz-zwieg ma kellhom ebda intenzjoni li jghixu l-hajja matrimonjali flimkien. Jidher li huma kellhom ghanijiet differenti minn dawk li ghalih koppja tizzewweg. Kemm l-attrici kif ukoll l-assenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom eskludew internament u b' mod posittiv tal-volonta' taghhom, mhux biss uhud mill-obbligi matrimonjali, izda z-zwieg fih innifsu: l-ghan uniku ta' l-assenti kien li jakkwista l-freedom of movement u jkun jista' jibqa' jghix f' Malta mat-tfajla tieghu u ma' ibnu; filwaqt li l-uniku ghan ta' l-attrici, kien li dina takkwista somma flus biex tghin lilha nnifsiha. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-kunsens matrimonjali taghhom huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm l-attrici kienet allegat li hija kienet dahhlet f' dan iz-zwieg minhabba theddid da parti ta' terzi persuni identifikati minnha, hija naqset li tressaq prova adegwata f' dan ir-rigward f' dawn il-proceduri.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnha ma' l-assenti C D fit-12 ta' Ottubru 2001.

L-ispejjez ikun a kariku taz-zewg partijiet; izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jigu provvisorjament imhallas mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------